

Artiklu

Kav Stanley Mangion E.O.H.S.M.

# Id-Duluri tal-Ġimgħa l-Kbira, id-Duluri ta' Settembru u d-Duluri ta' San Pawl il-Baħar



Il-Liturġija Kattolika tagħtina żewġ festi li fihom tkun iċċelebrata t-tifkira ta' Ommna Marija Addolorata. Waħda minnhom hi d-Duluri tal-Ġimgħa l-Kbira u l-oħra dik li tkun imfakkra fil-15 ta' Settembru, l-għada tal-festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib. Id-devozzjoni lejn il-Madonna hi tassew meħtieġa u importanti fil-ħajja tagħna. Marija kienet l-ewwel dixxiplu li għexet tant qrib il-misteru tat-tbatija ta' binha Ġesú biex titwettaq il-fidwa tal-umanità kollha. Għalhekk, wara Kristu, il-Madonna hi l-ewwel waħda fost il-qaddisin kollha li għandha tkun *rowl model* għalina biex tinspirana fil-ħajja iebsa li ngħixu. Fis-Salve Regina, ħajjitna nsibuha mfissra bħala "wied tad-dmugħ" u f'dan il-wied, li fih naraw tant dmugħ jinxtered, kawżat mit-tbatija li kull persuna ġġarrab f'ħajjitha, Marija għandha tkun xprun biex kull tbatija li ngħixu twassalna biex aktar ningħaqdu ma' binha Ġesù bħalma l-Madonna għaqdet it-tbatijiet tagħha mat-tbatija li għadda minnha l-Mulej.

## Id-Duluri tal-Ġimgħa l-Kbira

Id-Duluri tal-Ġimgħa l-Kbira hi aktar magħrufa bħala l-Pietà, li bl-ilsienna tfisser il-Ħniena. Il-poplu Spanjol iħobb jindirizza x-xbiha ta' Marija Addolorata bħala *Nuestra Senora de Solidad.* Id-Duluri tal-Ġimgħa Mqaddsa żgur li tfakkarna fil-famuża Pietà ta' Michaelangelo li naraw fil-Bażilika tal-Vatikan. Hi statwa tal-irħam li tqgħedilna quddiem għajnejna lil Verġni Mbierka żżomm fi ħdanha l-ġisem mejjet ta' binha Ġesù. Il-Madonna tidher timmedita u taħseb fuq it-tbatija li kien għadu kemm għadda minnha binha, Kristu Redentur tal-bnedmin kollha.

Meta nirrifletti fuq din ix-xbiha tal-Madonna Addolorata jiġuni f'moħħi dawk il-miljuni ta' ommijiet mad-dinja kollha li għaddew mill-esperjenza kerha tal-mewt meta raw lil xi ħadd minn uliedhom jmut jew forsi nisa u rġiel li raw lil marthom jew lil żwiegħom qegħdin imutu mingħajr ma jistgħu jagħmlu xejn għalihom biex isalvawlhom ħajjithom. Ngħid għalija kont wieħed minn dawn il-miljuni ta' nies li messitni dik ix-xorti ħażina għax rajt lil marti tmut mingħajr ma stajt nagħmlilha xejn biex insalvaha. Jien, flimkien ma' familti konna miġburin madwarha nagħtuha l-wens tagħna. Dak biss stajna nagħtuha għax il-pjan tal-Mulej kien, li tmur fi ħdanu biex tgawdih tant mill-qrib, li tara wiċċ il-Mulej li, fl-eternità jfawwarna bil-milja tal-imħabba tiegħu. Hi esperjenza li, kif diġa semmejt, għaddew minnha u se jibqgħu jgħaddu minnha, miljuni u miljuni ta' nies minn kull ġens. Imma fl-istess ħin hi esperjenza waħdanija fil-ħajja ta' tant kotra kbira ta' nies. Ta' xejn tifhem li tant nies għexu din l-esperjenza għax dak li tħoss int fil-qalb, donnu jibqa' ġo fik u ma jitħallatx mal-uġiegħ ta' tant miljuni ta' nies oħrajn li għexu din l-esperjenza. Forsi għalhekk għandna dik l-espressjoni, "kulħadd tiegħu jħoss" għax minkejja li jeżistu tant miljuni ta' esperjenzi bħalha u simili, ħlief għal xi ċirkustanzi partikulari,

*ikompli f'paġna 112*



xorta waħda tibqa' esperjenza unika u waħdanija li donnu jkun ta' xejn li tipprova xxebbaħha, għax l-isforzi li tkun qed tagħmel jisfumaw fix-xejn.

Xi ngħidu għal dawk l-ommijiet li jaraw lil uliedhom qed itemmu ħajjithom propju quddiem min, magħqudin mal-Mulej, tahom il-ħajja! Mhux ta' b'xejn l-ommijiet jistqarru; "għandi piena għal għomri" jew inkella; "kemm kien ikun aħjar li mit jien flok ibni". Fejn ikun hemm it-tfal li se jisfaw iltiema, kemm tkun aktar kiefra l-esperjenza! "Ħalliet tlett itfal warajha". Kemm se tkun aktar iebsa l-ħajja għalihom dawn it-tfal imsejkna, issa li tilfu l-wens tal-omm! Bħalissa qed tiġini f'moħħi l-esperjenza iebsa li għaddiet minnha Ursola De Piro. Ursola kienet omm Mons. Ġużeppi De Piro li waqqaf is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl li miet *in odore sanctitatis*, fil-fwieħa tal-qdusija. Din l-omm ta' kuraġġ kbir mhux biss messitha x-xorti ħażina li tgħix il-mewt ta' żewġha, imma wkoll għexet l-esperjenza kiefra tal-mewt ta' seba' minn uliedha,wieħed minnhom Mons Ġużeppi De Piro stess, jmutu qasir il-għomor u wieħed wara l-ieħor jinfdu sejf ta' dulur fil-qalb tenera tagħha. Kemm nifilħu nbatu u nsofru fil-ħajja! Jiġuni quddiem għajnejja dawk l-insara martri Kristjani, kemm Kattoliċi kif ukoll Insara oħrajn li qed joqtluhom il-Musulmani fundamentalisti li moħħhom hu biss biex jiksbu l-poter u s-setgħa, minkejja kollox, billi jħanxru l-griżmejn ta' mijjiet ta' insara li qed imutu xhieda tal-fidi fi Kristu. U dawn l-insara qed jinqatlu quddiem ommijiethom li ma jkunu jistgħu jagħmlu xejn għalihom u jkollha jħarsu biss biex jimlew qalbhom b'tant niket u dmugħ. Esperjenzi bħal dawn ifakkruni fl-istorja li nsibu miktuba fil-Ktieb tal-Makkabei fejn l-omm rat lis-seba' uliedha joqtluhom wieħed wara l-ieħor, sa ma fl-aħħar qatlu lilha stess għax ma riedux jiksru l-liġijiet tal-Mulej.

Huma lkoll ommijiet li jilqgħu fi ħdanhom il-ġisem mejjet t'uliedhom. Kemm għandna

espressjoni sabiħa aħna l-Maltin f'qagħdiet bħal dawn meta nlissnu; "stħajjiltha wiċċ id-Duluri", għax huma esperjenzi li jixbhu xi ftit jew wisq l-esperjenzi tal-Madonna Addolorata. L-esperjenza ta' Marija kienet bil-wisq aktar kiefra għax barra l-mewt fuq sodda, rat lil binha mimli dbabar tas-sawt bil-ħbula li f'tarfhom kien hemm għadam ippuntat li jqatta' l-ġilda mad-daqqiet. Il-Madonna rat ras binha b'kuruna tax-xewk ġo rasu. Rat lil binha tiela' lejn l-gudja tal-Golgota jġorr is-salib u jaqa' tliet darbiet minħabba t-toqol tiegħu li hu ma felaħx iġorr. Rat lil binha jissammar u jokrob bil-għatx. Minkejja din it-tbatija kollha, il-Madonna baqgħet wieqfa ħdejn is-salib waqt li bil-preżenza tagħha, twennes lil binha fl-aħħar ħin ta' mewtu.

Dan kollu l-Madonna sofrietu b'rassenjazzjoni l-iżjed kbira, bis-sabar u fis-skiet.

## Id-Duluri ta' Settembru

Id-devozzjoni lejn il-Madonna tad-Duluri bdiet f'Cologne, fil-Ġermanja fl-1423. Mill-Ġermanja din id-devozzjoni xterdet lejn l-Ewropa. Din id-devozzjoni Marjana daħlet f'Malta ftit taż-żmien wara. Dan jixdhu pittura devota ta' Marija Addolorata fuq l-injam li jinsab ġewwa Ħal Qormi li għalkemm id-data ta' meta tpitter dan il-kwadru u min pittru ma nafuhiex, din il-pittura hi fiż-żgur li saret ħabta tas-snin 1450. Allura ftit snin biss meta din id-devozzjoni nibtet ġewwa l-Germanja. Meta fis-snin 1592/3 faqqgħet l-imxija qerrieda tal-pesta, inbniet kappella ddedikata lil Pietà ġewwa Daħlet il-Qasab, liema ħora illum hi magħrufa bħala Tal-Pietà. Din id-devozzjoni Marjana kompliet tinxtered, imbnew kappelli kif ukoll twaqqfu artali fil-knejjes tagħna li kienu ddedikati lil Madonna tad-Duluri. Tant hu hekk li sas-snin 1700, f'Malta kien hawn żgur diġa ħames kappelli ddedikati lid-Duluri. Barra hekk bdew jitwaqqfu ukoll fratellanzi fl-ibliet u rħula Maltin bil-għan li jkattru d-devozzjoni lejn id-Duluri. L-ewwel Fratellanza tad-Duluri li twaqqfet f'Malta, kienet dik ta' Ħal Għaxaq li twaqqfet fl-1684. Fil-Belt Valletta, il-Fratellanza tad-Duluri twaqqfet fit-12 t'April, 1765 bis-saħħa ta' Patri Alessio Petroni, saċerdot tas-*Servi di Maria* li f'dik il-ħabta kien jinsab Malta biex jipprietka fl-eżerċizzi tar-Randan li kienu jsiru fil-Konkatidral ta' San Ġwann. F'Għawdex, l-ewwel dokumentazzjoni dwar id-devozzjoni Marjana tad-Duluri, tmur lura għas-sena 1618. L-ewwel Fratellanza tad-Duluri li twaqqfet f'Għawdex kienet fis-sena 1788, fil-knisja ta' San Ġakbu fir-Rabat. Din il-knisja ta' San Ġakbu fir-Rabat Għawdex baqgħet il-knisja pijuniera f'din id-devozzjoni Marjana.

Min kien li xpruna din id-devozzjoni Marjana tad-Duluri? Dawn kienu is-seba' fundaturi li waqqfu l-Ordni tas-Serviti. Kien propju ħames snin wara t-twaqqif ta' din l-Ordni Marjan meta l-fundaturi marru fuq il-għaqba Senario u hemmhekk qatugħha li jagħżlu lil Madonna Addolorata taħt is-Salib bħala devozzjoni ewlenija tal-Ordni tagħhom. Fl-1413, f'sinodu tal-isqfijiet mlaqqgħin ġewwa Cologne twaqqfet il-festa liturġika tad-Duluri fid-djoċesijiet li kienu jagħmlu parti minn din il-belt Ġermaniża. Huma għażlu jum il-Ġimgħa fuq it-tielet Ħadd fuq l-Għid il-Kbir biex fih tkun imfakkra il-"*Commemoratio Angustiae et dolores B. Mariae V.*". Minn hawn 'l quddiem, il-għid tal-Madonna Addolorata bdiet issib postha ukoll fil-kalendarju liturġiku tal-Knisja Kattolika Universali. Tbiddlu xi ftit jew wisq l-ismijiet ta' din il-festa. Tbiddlu ukoll id-dati meta kellha tkun imfakkra din il-festa f'ġieħ id-Duluri tal-Madonna. Biss ħaġa

*ikompli f'paġna 116*



waħda baqgħet kostanti tul dan it-tibdil kollu. Din kienet it-tixrid tad-devozzjoni Marjana taħt it-titlu tal-Madonna tad-Duluri. Il-papiet nedew ħafna indulġenzi, saħansitra ukoll dawk plenarji, lil dawk id-devoti li josservaw din il-festa tal-Madonna Addolorata billi jżuru knejjes iddedikati lil Madonna Addolorata, lil dawk li jitolbu quddiem xbihat tal-Madonna Addolorata u lil dawk li jieħdu sehem f'attivitajiet reliġjuża u liturġiċi tal-Madonna Addolorata. Inkiteb l-Uffiċċju Liturġiku Divin tal-Madonna tad-Duluri. Inkitbu innijiet tant sbieħ fosthom l-innu tant popolari u kbir, *Stabat Mater*. Inkitbu tant xogħlijiet sbieħ mużikali minn kompożituri magħrufin fil-qasam mużikali bħalma hu Giacomo Rossini u tant oħrajn. Xtered ukoll ir-Ružarju tal-Madonna tad-Duluri. Saret ukoll il-*Via Matrix,* li hi speċi ta' Via Sagra tad-Duluri, b'sebgħa misteri ta' niket li għaddiet minnhom il-Madonna kif imħabbra minn Xmun meta l-Madonna ppreżentat lil binha Ġesù fit-Tempju. Dawn huma: Il-ġrajja tal-Preżentazzjoni diġa msemmija; Il-Ħarba lejn l-Eġittu; Ġesù jintilef fit-Tempju ta' Ġerusalemm; Il-Laqgħa tal-Madonna ma' binha Ġesù fi Triqtu lejn il-Golgota; Il-Mewt ta' Ġesù; il-Madonna tilqa' fi ħdanha lil binha mejjet; Il-Preżenza ta' Marija waqt id-Difna. Din id-devozzjoni Marjana qabdet art u xxettlet fost l-insara kollha madwar l-Ewropa u 'l quddiem madwar id-dinja. Bdew jinżammu żewġ festi f'ġieħ id-duluri tal-Madonna. Dawn kienu dik tal-Ġimgħa qabel Ħadd il-Palm u dik tal-15 ta' Settembru li hi komuniment magħrufa bħala d-Duluri ta' Settembru. Din il-festa kienet mgħollija għad-dinjità ta' festa prima klassi bl-ottava magħha. Kien il-Papa Piju VII, papa li tant bata taħt l-Imperatur Napuljun li wara r-ritorn tiegħu mill-eżilju waqqaf din il-festa lituġika tal-Madonna tad-Duluri fil-kalendarju liturġiku universali tal-Knisja Kattolika . Dan seħħ fit-18 ta' Settembru, 1814.

Hawnhekk tajjeb insemmu li għalkemm l-Ordni tas-Serviti ta' Maria qatt ma twaqqaf hawn Malta, f'diversi parroċċi f'Malta twaqqaf it-Terz Ordni tiegħu li fih kienu mxierka għadd sabiħ ta' lajċi f'diversi parroċċi li għenu ħafna biex tinxtered id-devozzjoni lejn il-Madonna tad-Duluri fil-knejjes tagħna.

Iż-żewġ festi tad-Duluri ma qatgħu qatt isiru tul l-istorja liturġika tal-Knisja Universali. Biss

ninnotaw li, donnu bħall-pendlu tal-arloġġ, festa minnhom bdiet tieħu post aktar prominenti fuq l-oħra. Jidher li fil-bidu, kienet tingħata importanza kbira lill-festa tad-Duluri hekk imsejħa tal-Ġimgħa l-Kbira, l-aktar minħabba dawk li kienu jissejħu l-Ġimgħat tar-Randan fejn ta' kull nhar ta' Ġimgħa kienet issir purċissjoni b'waħda mill-vari tal-Misteri tal-Passjoni. Hekk insibu li ġara fil-Belt Valletta fil-knisja tal-Franġiskani Minuri Osservanti, komuniment magħrufa bħala Ta' Ġieżu. Fil-bidu, il-festa tad-Duluri kienet issir fl-Orotorju tal-Fratellanza, fejn kien ikun reċitat l-Uffiċċju Divin, issir il-quddiesa u kienu jsiru ukoll prietki sbieħ. Kienet issir ukoll, dik li tissejjaħ s-"settana" u kienu jsibuhom bħala *i giorni delli viaggi delli dolori*. Imma l-Orotorju kien sar żgħir wisq, għax id-devozzjoni kienet tant kibret. Għalhekk il-festa bdiet issir fil-knisja. Il-fratellanza bniet l-artal tagħha u żejnitu b'pittura sabiħa ta' Stefano Erardi. Il-festa tad-Duluri bdiet issir b'devozzjoni u b'pompa akbar. Il-festa tal-Madonna tad-Duluri saret xorta waħda fl-imblokk tal-Franċiżi u anki fis-snin tat-Tieni Gwerra Dinjija.

Fil-bidu ma kinux isiru purċissjonijiet f'jum il-festa tal-Madonna tad-Duluri ta' Settembru imma kienet biss tinħareġ il-vara tad-Duluri fil-Knisja. Biss bit-twaqqif tal-Fratellanzi tal-Madonna tad-Duluri, il-festa tal-Madonna tad-Duluri magħrufa bħala dik "Ta' Settembru" bdiet tieħu prominenza akbar minn dik tad-Duluri tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-festa tad-Duluri bdiet tkun iċċelebrata Ħadd fuq il-15 ta' Settembru, il-festa liturġika tal-Madonna tad-Duluri. Il-Fratellanzi ma' Malta kollha kienu jarmaw l-artali ddedikati lid-Duluri. Bdew isiru ukoll vari sbieħ tad-Duluri magħrufin bħala dawk "Ta' Settembru". Kienet issir ukoll il-purċissjoni devota bil-Madonna tad-Duluri. Hekk il-festa tal-Madonna tad-Duluri ta' Settembru saret il-festa ewlenija iddedikata lill-Madonna tad-Duluri. L-organizzazzjoni tant kienet kibret li kienu saħansitra jieħdu sehem il-baned f'xi rħula. Biss dejjem ninnotaw li l-festa tal-Madonna tal-Ġimgħa l-Kbira qatt ma twarbet u dejjem baqgħet tkun imfakkra.

## Id-Duluri ta' San Pawl il-Baħar

Il-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar immexxija mill-patrijiet Franġiskani Konventwali hi l-parroċċa waħdanija li għandha bħala titular il-Madonna tad-Duluri. Il-knisja ta' Birzebbuga l-qadima kellha bħala festa titulari, Il-Madonna tad-Duluri. Imma meta nbniet il-knisja parrokkjali l-ġdida, din kienet iddedikata lil San Pietru fil-Ktajjen. Hawn min jistaqsi; "Kemm tagħmel sens festa titulari tad-Duluri?" L-argumenti miġjuba huma li hu stramb ħafna tiċċelebra festa ta' dwejjaq bil-bombi u bil-marċi. Iva, naqbel, mad-daqqa t'għajn hekk jidher għaliex sfortunatament il-bniedem, xi drabi jaf jaħseb u jara biss sa mnieħru u ma jidħolx fil-profondità tal-misteri tal-ħajja kif fassalhom il-Mulej għalina l-bnedmin. B'dan ma jiena nakkuża lil ħadd. Anzi, nakkuża l-ewwel u qabel kollox lili nnifsi għax kultant naħseb u naġixxi hekk jien ukoll.

Id-duluri, it-tbatija, id-dbabar, l-uġiegħ tal-qalb u l-feriti għandhom sehem tassew importanti fil-ħajja tal-bniedem! Forsi hawn min qed jaħseb li jien xi sadist, jiġifieri bniedem li nieħu gost bit-tbatija fil-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna. Nassigurakom li xejn ma jien minn dan kollu. Biss hemm il-ħtieġa li niflu u nirraġunaw u forsi wkoll niddiskutu. Fl-Ingliż hemm għajdut, "*easy come, easy go*". Naħseb li dan l-għajdut tifhmuh għax tafu bl-Ingliż daqsi. Essenzjalment dan

*ikompli f'paġna 120*

ifisser, "dak li jiġi mingħajr tbatija, jitberbaq malajr u bla tbatija". Mela hi t-tbatija biss li tagħti valur jew siwi mhux biss ta' oġġetti materjali, imma wkoll esperjenzi fil-ħajja talbniedem u lill-ħajja fiha nfisha! Min jifhem ftit fil-manifatturi tad-deheb jgħidlek li d-deheb jissaffa biss binnar. Il-marid, meta jmur l-isptar jibki bl-uġiegħ li jħoss, sa ma jgħaddilu meta ssirlu xi operazzjoni u millġdid jieħu saħħtu. Il-mara li jkun għalqilha ż-żmien biex teħles, tbati bl-uġiegħ tal-ħlas li hu tassew uġiegħ kbir, sa ma teħles u trodd lill-umanità t-tarbija tagħha. Xi ngħidu għallistudenti tagħna? Kemm siegħat twal jgħaddu jistudjaw is-suġġetti li jkunu qed jagħmlu biex jħejju ruħhom sew tajjeb biex jgħaddu milleżamijiet tagħhom. Studju kontra studju, privatijiet kontra privatijiet. Tisma' l-ġenituri jgħidulek, "Nitħassarhom jdumu jistudjaw iljieli sħaħ bla ma jaqtgħu." Iva tassew għandhom fuq li għandhom raġun jitħassruhom. Kemm jistinkaw l-isportivi biex jirbħu l-medalji fil-kompetizzjonijiet! Eżerċizzju kontra eżerċizzju li ma jaqta' xejn. M'hemmx btajjel għat-*training* jew taħriġ! Jew tistinka bi snienek jew taqa' lura! Kemm trid tqanċeċ il-familja biex tħallas id-dejn misluf biex il-familja jkollha dik in-naqra toqba tagħha fejn tkun tista' tgħammar. Taħriġ, *training*, ġiri u x'naf jien. Imma hekk hi l-ħajja! X'valur fih il-premju jekk ma jintrebaħx bit-tbatija?



Minn hawn naslu għall-konklużjoni loġika li t-tbatija ġġib il-ferħ! Mad-daqqa t'għajn bil-kemm titwemmen. Imma hekk hu. Min ikun bata għall-flus kemm jifraħ fuq li jifraħ meta jfaddal xi ħaġa u jara f'idejh dawk l-flus li bihom issa jixtri dik ix-xi ħaġa li tant ikun xtaq li jkollu f'ħajtu! Kemm ferħ, kemm għors. Kemm tifraħ dik l-omm li wara tant uġiegħ tal-ħlas iżżomm it-tarbija f'ħoġorha u tbenninha. Wara nagħmlu għors u nifirħu għax it-tbatija ma kinitx għalxejn. Kemm jifraħ dak l-istudent universitarju meta jitla' fuq il-palk u r-rettur jagħtih iċ-ċertifikat tal-gradwazzjoni. Dak in-nhar nifirħu u naqbżu u forsi wkoll nagħmlu għors jew parti. Għala

le? B'dik id-diploma f'idejh, l-istudent issa jittama li jsib xogħol li tant jixraqlu wara tant taħbit. Kemm jieħu pjaċir u jħoss sodisfazzjon dak l-isportiv, meta jitla' fuq il-podju u jlibbsulu dik il-medalja tad-deheb, tal-fidda jew inkella tal-bronż għax ikun kiseb l-ewwel, it-tieni jew it-tielet post. Wara kulħadd jifraħ, idoqqu l-ħornijiet u tinfetaħ ix-xampanja! It-tbatija tal-eżerċizzju ma kinitx għalxejn imma ssarrfet f'unuri li ġabu ferħ tassew kbir.

Mela t-tbatija għandha siwi kbir u għandha marbut magħha l-ferħ. It-tbatija ġġib il-ferħ. Dan mhux fl-ambitu materjali biss imma wkoll fil-qasam spiritwali tagħna. It-tbatija ta' mard terminali ġġib il-ferħ spiritwali wkoll. Għandna dik l-espressjoni sabiħa, "għamel il-purgatorju f'din id-dinja". It-tbatija fiżika tista' ssaffina spiritwalment jekk ngħaqduha ma' dik ta' Kristu. Kemm ġabet ferħ fina l-bnedmin, it-tbatija li bata Kristu għalina fuq is-salib. It-tbatija ta' Kristu fuq is-salib ġabet il-ferħ tas-salvazzjoni tagħna lkoll. It-tbatija tal-Golgota ġabitilna l-maħfra ta' dnubietna. Il-Madonna batiet ma' binha Ġesù għalhekk id-Duluri li għaddiet minnhom il-Madonna kienu wkoll ko-redentriċi għax il-Madonna qasmet ma' binha t-tbatija li seħħet fi Kristu biex seħħet il-fidwa u l-maħfra ta' dnubietna. Għalhekk meta nħarsu lejn il-wiċċ tal-Madonna Addolorata u mnikkta għandna għax nifirħu fuq li nifirħu għax it-tbatija ta' Marija tnissel fina tamiet spiritwali. Marija saret it-tama tagħna. Marija saret l-avvukata tagħna. Marija saret il-ħniena tagħna. Marija saret dik il-persuna qaddisa biex turina "f'dan it-turufnament lil Ġesù, frott imbierek tal-ġuf" tagħha safi u bla mittiefes. Marija hi dik l-omm "ħajja u ħlewwa" li minn żmien għall-żmien tiġi saħansitra żżurna bid-dehriet tagħha u tagħtina messaġġi ħelwin ta' tjieba, ta' twissija u t'imħabba biex ma nitbegħdu qatt minn binha Ġesù.

Jekk inħarsu b'dan il-mod posittiv lejn id-Duluri tal-Madonna, il-għid li l-poplu Pawlin jagħmel lil Madonna, jagħmel sens u nifhmuh. Anzi nkattru dan il-ferħ spiritwali u nesprimuh ukoll minn barra f'attivitajiet materjali wkoll li jkunu organizzati f'jum il-festa titulari tal-parroċċa. Iva, għandna għax nifirħu f'jum il-festa tad-Duluri b'ferħ spiritwali u materjali kbir. Li mhux permezz f'dan il-ferħ hu x-xorb żejjed, id-dagħa, it-tgħajjir, il-mibegħda bejn każini, kliem baxx u għemejjel baxxi li għandhom iħammrulna wiċċna u nirgħexu li nkunu qegħdin nagħmluhom. Mill-bqija l-għors hu sabiħ. It-tiżjin hu importanti ħafna. L-għemejjel ta' aġar jew karità għandna nkomplu nħeġġuhom. Id-djar sbieħ tagħna għandna nifthuhom meta tkun għaddejja x-xbiha qaddisa tal-Madonna tad-Duluri.

## Ikonografija tal-Vari tad-Duluri

Nitkellmu issa xi ftit fuq l-iżvilupp ikonografiku tal-vari tad-Duluri ġewwa pajjiżna għax hu tassew żvilupp sabiħ u interessanti li jkun tajjeb li nkunu nafu xi ħaġa fuqu. Kif diġa rajna hemm żewġ figuri tal-vari tad-Duluri, dik tal-Ġimgħa l-Kbira u dik ta' Settembru. Il-vara tad-Duluri ta' San Pawl il-Baħar li tiġi mfakkra fl-aħħar Ħadd ta' Lulju, taqa' taħt il-kategorija ta' vari magħrufa bħala dawk ta' Settembru. Id-Duluri ta' Settembru hi figura ta' mara sabiħa għalkemm imnikkta u qegħda bilwiefqa. X'uħud minn dawn il-figuri għandhom l-għajnejn iħarsu 'l isfel biex jispikka aktar is-sens ta' dulur tal-Madonna. F'oħrajn l-għajnejn jitilgħu 'l fuq bħala tagħlima għalina biex fin-niket m'għandna qatt naqtgħu qalbna għax l-għajnuna mis-sema ma tonqos qatt għax

*ikompli f'paġna 124*

Alla hu Emmanuel jiġifieri "dejjem magħna sal-aħħar taż-żminijiet". Idejn il-Madonna huma magħqudin f'xulxin bħala għelm ta' mara li qegħda titlob u din il-qagħda hi tagħlima għalina li fil-hemm u fil-għali għandna ninfexxu fit-talb għax mit-talb tiġi l-għajnuna. Hi tagħlima kbira għalina l-Maltin li fit-tiġrib ninfexxu f'dagħdigħa ta' dagħa ikraħ wisq u flok il-barka u s-sliem inkomplu nżidu s-saħta u d-disperazzjoni. F'Malta nsibu ħafna statwi tad-Duluri sbieħ maħduma minn statwarji Maltin fosthom dik ta' San Pawl il-Baħar li hi xogħol l-istatwarju minn Ħal Qormi, Karmenu Mallia li kien imlaqqam Il-Lhudi. Karmenu Mallia kien jaħdem ma' l-iskultur kbir Karlu Darmanin. Din il-vara nħadmet fl-1914 meta Patri Beneditt Ġużeppi Cauchi O.F.M.Conv. kien il-kappillan ta' din il-parroċċa. Din il-vara kellha magħha anġlu li llum narawh fis-sagristija. Dan l-anġlu tneħħa minn mal-vara fl-1933. Il-vara tad-Duluri ta' Karmenu Mallia ħadet post vara oħra tad-Duluri maħduma mill-famuż statwarju Karlu Darmanin li sfortunatament illum hi meqjusa bħala mitlufa. Statwa oħra sabiħa hi dik imnaqqxa fl-injam mill-Mosti, Salvu Dimech, imlaqqam is-Sarġ li llum tinsab fl-Orotorju Qalb ta' Ġesù fil-Mosta. Hi statwa tassew sabiħa mimlija espressjoni artistika. Barra dawk maħduma Malta nsibu wkoll xogħol maħdum barra minn Malta fosthom id-Duluri li hemm fil-knisja arċipretali tal-Mosta li nħadmet mid-ditta Franċiża, Gilard et Fils. Hi vara sabiħa u espressiva wkoll. F'dawn il-vari ma nistgħux ma ninnotawx is-sejf li jinfed is-sider tal-Madonna li jirrappreżenta d-Duluri li għaddiet minnhom il-Madonna. F'xi vari, il-Madonna hi ħafja, f'oħrajn liebsa sandli tad-deheb li jixirqilha tassew. Id-deheb jixraq wisq fuq il-Madonna għax il-Madonna hi "mimlija bil-grazzja" u d-deheb ifisser il-għana tal-grazzja t'Alla.

Il-vari tad-Duluri tal-Ġimgħa l-Kbira jvarjaw fl-ikonografija tagħhom. Insibu statwi tal-Madonna Deżolata, bilqegħda fuq blata, iżżomm fuqha l-ġisem mejjet ta' Binha Ġesù. Din tissejjaħ Il-Pietà. F'xi drabi, il-figura tal-Madonna tkun imsieħba bil-għuda tas-salib wieqaf. Ħafna drabi din l-għuda tas-salib tkun imżejna b'velu abjad imdendel f'forma ta' V u jfakkarna fl-irbit li għadda fuq is-sider ta' Kristu u dar għal taħt l-idejn, li bih setgħu jniżżlu l-ġisem mejjet ta' Ġesù. F'dawn il-vari naraw ukoll li l-Madonna għandha sejf jinfdilha sidirha li ħafna drabi jkun tal-fidda. Hemm vari oħrajn tad-Duluri li fihom naraw il-figura tal-Madonna bilqegħda taħt l-għuda għera tas-salib timmedita l-passjoni ta' Kristu mingħajr il-ġisem mejjet ta' Kristu. Isieħeb lil Madonna hemm puttinu wennies li ħafna drabi, dan ikun qed iżomm l-istrumenti tal-passjoni ta' Kristu jiġifieri l-imsiemer, il-kuruna tax-xewk u l-lanza li nifdet il-kustat ta' Kristu. Dan l-anġlu wennies hu figura tassew ħelwa li jwennes lill-Madonna fl-eqqel ħin ta' ħajjitha. Hi figura żgħira li tnissel f'qalb l-ispettaur it-tama qalb in-niket. Ngħid għalija din il-figura tal-anġlu wennies issaħħarni wisq għax fih inħoss il-wens spiritwali fid-dwejjaq tal-ħajja. Imbagħad hemm vari oħrajn li fihom naraw ukoll il-Madonna bilqegħda, ħafna drabi fuq blata, mingħajr il-ġisem mejjet ta' Kristu, taħt id-dell tal-għuda għera tas-salib, akkumpanjata minn San Ġwann l-Evanġelista, ħafna drabi, f'idejh qed iżomm l-istrumenti tal-passjoni, jiġifieri l-imsiemer u l-kuruna tax-xewk u xi minn daqqiet tidher ukoll il-lanza. Fl-ikonografija tal-vari tal-passjoni, San Ġwann l-Evanġelista ħa post il-figura tal-anġlu wennies. F'xi vari, San Ġwann l-Evanġelista ikun muri lilna bħala dik il-persuna li qed issabbar u taqsam fin-niket tal-Madonna. F'xi vari oħrajn hu persuna werrejja, jiġifieri qegħda turi lill-ispettatur ix-xena tal-figura tal-Madonna Addolorata. Allura San Ġwann għandu s-sebgħa l-werrej qed jipponta lejn l-ispettatur. Taħt is-salib, il-figura ta' San Ġwann l-Evanġelista ħadet prominenza l-iżjed kbira għax San Ġwann kien magħżul minn Kristu stess bħala l-ħarries

tal-Madonna u bejn il-Madonna u San Ġwann l-Evanġelista nżergħet relazzjoni bejn omm u wild. "Mara hawn hu ibnek. Ġwanni, hawn hi ommok. Minn dak il-ħin, id-dixxiplu ħadha miegħu." Kliem li jurina li minn dak il-ħin, il-Madonna ħadet ir-rowl ta' Omm il-Bnedmin għax f'San Ġwann l-Evanġelista, il-Knisja Kattolika dejjem rat il-personifikazzjoni tal-umanità.



Kemm kienet kbira l-imħabba ta' Ġesù għalina l-bnedmin! Ġesù tana kollox. Ġesù tana sal-anqas qatra ta' demmu. Meta s-suldat Ruman nifed il-kustat ta' Ġesù bil-lanza, minnu ħarġu biss ftit qtar ta' demm u ilma. Ma kellux aktar demm x'joħroġ. Mhux dan biss! Fost grazzji oħrajn bħalma hi l-Ewkaristija li tahilna "awl il-lejl qabel ma bata", Ġesù tana omm ħanina, omm mimlija bil-ħniena. Fil-festa tad-Duluri m'għandniex nuri lil Madonna bħala Omm tal-Martri. Hu minnu li l-Madonna hi tassew hekk. Imma fid-Duluri ejjew inħarsu lejn l-imħabba ta' Kristu li tana lil Marija bħala dik l-omm mimlija niket li jwennes lil ħajjitna u li fl-aħħar mill-aħħar, jissarraf bħala ferħ spiritwali fil-ħajja tagħna f'dan il-wied tad-dmugħ". Ma niddejqux nifirħu fin-niket ta' Marija għax in-niket ta' Marija jfakkarna fir-rebħa tas-Salib Imqaddes. Fi żmien il-Kardinal Fulton Shield id-dinja kienet maqsuma f'żewġ potenzi, Lvant u l-Punent. Ix-Xarq, jiġifieri d-dinja Komunista niediet is-salib u t-tbatija fis-sens negattiv tagħha għax biex żamm il-qawwa tal-poter ħaqar u qatel tant miljuni ta' bnedmin. Il-qawwiet tal-Għarb, jiġifieri dawk tal-Punent żviluppaw stil ta' ħajja ta' Kristu mingħajr is-salib u żvilupaw filosofija ta' ħajja mingħajr is-Salib ta' Kristu. Żewġ teoriji li fallew bis-sħiħ. It-tbatija hi parti essenzjali mill-ħajja tal-bniedem. Hu biss permezz tat-tbatija li rridu ngħaddu għall-glorja. F'ħajjitna għandna naħdmu biex inħaffu u nnaqqsu t-tbatija għax it-tbatija wisq drabi hi effett tal-korruzzjoni tal-bnedmin. Fit-tbatija għandna niftakru fi Kristu li għadda għall-glorja tal-qawmien permezz tat-tbatija. Għandna nħarsu lejn il-Madonna għax il-Madonna sofriet ma' binha Ġesù u qasmet miegħu l-glorja tal-eternità bir-ruħ u bil-ġisem. Dawn iż-żewġ figuri jfakkruna fit-tbatija tagħna li tul il-ħajja tista' tieħu forom differenti, imma ma tispiċċa qatt. Il-wens li jagħtuna dawn iż-żewġ personaġġi jimliena b'kuraġġ biex nirbħu t-tbatija. Id-dafra tar-rebħa tinkiseb biss bit-tbatija. Għalhekk nifirħu ukoll f'jum il-festa tad-Duluri għax il-Madonna Addolorata hi garanzija tar-rebħa tagħna fuq it-tbatija li ngħaddu minnha f'ħajjitna.